**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-*JUNIOR LYCEUM* 2007**

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IT-TIELET KLASSI   STORJA (ĠENERALI)   ĦIN: Siegħa u nofs**

Isem: ______________________________ Klassi: _________________

**Eżerċizzju 1** **(12-il marka)**

**Aqra dan il-paragrafu u wara wieġeb il-mistoqsijiet kollha.**

Fl-1582, viżitatur f'Malta rrimarka li l-parti l-kbira tal-belt kapitali ġdida kienet inbniet u li kien fadal biss ftit siti mhux mibnija. Sa l-1590, kien hemm madwar 4,000 ruħ joqogħdu fil-belt kapitali l-ġdida. Jidher li l-Maltin ftit sabu diffikultà biex imorru joqogħdu fil-belt kapitali l-ġdida u kien hemm diversi raġunijiet. Il-bżonn tas-sigurtà kienet l-iżjed waħda importanti u din kienet toffrih il-belt kapitali l-ġdida. Imbagħad kien hemm pressjonijiet ekonomiċi u soċjali. Ħafna persuni kienu jaqilgħu ħobżhom fis-servizz ta' l-Ordni, u sabuha komda li joqogħdu viċin ta' min iħaddimhom.

(Traduzzjoni libera minn *The Story of Malta* ta' Brian Blouet [Malta 1972] pġ. 105)

1.1.1 Fuq liema belt qiegħed jittratta dan il-paragrafu?

_______________________________________________ (1)

1.1.2 Wara liema avveniment importanti fl-istorja ta' Malta bdiet tinbena din il-belt?

_______________________________________________ (1)

1.2.1 X'jurina minn dan il-paragrafu li l-Maltin ħadu pjaċir bil-bini ta' din il-belt?

_______________________________________________ (2)

1.2.2 Semmi mod kif il-Maltin għenu fil-bini ta' din il-belt.

_______________________________________________ (2)

1.3 Il-paragrafu jgħid li din il-belt kienet toffri sigurtà. Spjega kif kienet tagħmel dan.

_______________________________________________ (2)

1.4 Il-paragrafu jgħid li ħafna Maltin kienu jaqilgħu ħobżhom ma' l-Ordni. Semmi **żewġ** xogħlijiet minn dawn.

______________________ ______________________ (1, 1)

1.5 Semmi **żewġ** periti li kellhom rabta partikolari mal-bini ta' din il-belt.

______________________ ______________________ (1, 1)

**Eżerċizzju 2** **(6 marki)**

**Ħares lejn din l-istampa u wieġeb il-mistoqsijiet kollha.**



2.1.1 Liema knisja qed tara f'din l-istampa?

_______________________________________________ (1)

2.1.2 Ta' min kienet?

_______________________________________________ (1)

2.1.3 B'liema stil arkitettoniku hija mżejna din il-knisja minn ġewwa?

_______________________________________________ (1)

2.2 Semmi **tliet** opri ta' l-arti li saru fiha.

______________________ ______________________

______________________ (1, 1, 1)

**Eżerċizzju 3** **(8 marki)**

**Ħares lejn din l-stampa u wieġeb id-domandi kollha.**



3.1.1 X'jissejjaħ il-bini li qed tara fl-istampa?

_______________________________ (1)

3.1.2 X'kienet il-funzjoni tiegħu?

_______________________________ (2)

3.2.1 Liema Gran Mastru bena tlettax minnhom?

_______________________________ (1)

3.2.2 Semmi **tnejn** minnhom.

______________ ______________ (1, 1)

3.3 Spjega kif il-Maltin gawdew bil-bini ta' dawn it-torrijiet.

_______________________________________________ (2)

**Eżerċizzju 4** **(6 marki)**



4.1 Liema post jidher f'din l-istampa?

_______________________________ (1)

4.2 X'importanza kellu fis-seklu 16 u 17?

_______________________________

_______________________________ (2)

4.3 Semmi **tliet** karatteristiċi tar-raħal Malti.

_______________________________ (1)

_______________________________ (1)

_______________________________ (1)

**Eżerċizzju 5** **(10 marki)**



5.1.1 Liema istituzzjoni tal-Kavallieri qiegħda tidher f'din l-istampa?

_______________________________ (1)

5.1.2 Fejn kienet tinsab?

_______________________________ (1)

5.2 X'importanza kellu dan il-bini għall-Maltin u għall-Ordni?

_______________________________ (2)

5.3 Bini simili bħal dan li qed jidher fl-istampa, jinsab fir-Rabat ta' Malta. Agħti ismu.

_______________________________ (1)

5.4.1 Semmi istituzzjoni li twaqqfet mill-Ordni biex tgħin lill-foqra li jkollhom bżonn jissellfu l-flus.

_______________________________ (1)

5.4.2 X'kien isir eżatt hemmhekk?

_______________________________ (2)

5.5 X'kienet b'mod ġenerali l-qagħda tal-Maltin dak iż-żmien?

_______________________________ (2)

**Eżerċizzju 6** **(6 marki)**

6.1.1 Min kien il-kap tal-Gżejjer Maltin matul il-ħakma tal-Kavallieri?

________________________________________ (1)

6.1.2 Min kien jgħinu fit-tmexxija ta' l-Ordni u tal-Gżejjer Maltin?

________________________________________ (1)

6.2 X'sehem kellhom il-Maltin fit-tmexxija ta' pajjiżhom matul il-ħakma tal-Kavallieri?

________________________________________________________________________ (1)

6.3 Semmi xi piż partikulari li kellhom il-Maltin matul il-ħakma tal-Kavallieri.

________________________________________________________________________ (1)

6.4.1 X'ġara fl-1775, li jurina biċ-ċar li l-Maltin ma kinux kuntenti sa barra bit-tmexxija tal-Kavallieri?

________________________________________________________________________ (1)

6.4.2 Agħti l-isem tal-qassis li kien involut f'dak li ġara fl-1775.

________________________________________ (1)

**Eżerċizzju 7** **(10 marki)**

**Ħares lejn din l-stampa u wieġeb il-mistoqsijiet kollha.**




7.1.1 Liema proġett partikulari jidher f'din l-istampa?

__________________________________ (1)

7.1.2 Għal liema skop inbena?

__________________________________ (2)

7.1.3 Għaliex kien importanti li dan isir?

__________________________________

__________________________________ (2)

7.2 Liema Gran Mastru rabat ismu ma' dan il-proġett?

________________________________________ (1)

7.3.1 X'valur għandu dan il-proġett illum?

________________________________________ (2)

7.3.2 Kif nistgħu nieħdu ħsiebu?

________________________________________ (2)

**Eżerċizzju 8** **(10 marki)**

**Ħares lejn din l-stampa u wieġeb il-mistoqsijiet kollha.**



8.1.1 Din l-istampa qiegħda turi avveniment importanti fl-istorja ta' Malta li seħħ f'Ġunju 1798. Liema kien dan l-avveniment?

_______________________________ (2)

8.1.2 X'qiegħda tindika eżatt din l-istampa?

_______________________________ (2)

8.2 Min kien il-Ġeneral responsabbli għal dan l-avveniment?

_______________________________ (1)

8.3 Min kien il-mexxej tal-Gżejjer Maltin meta seħħ dan l-avveniment?

_______________________________ (1)

8.4.1 X'ġara fit-12 ta' Ġunju 1798 li effettwa t-tmexxija tal-Gżejjer Maltin?

_______________________________________________________________ (2)

8.4.2 Agħti raġuni waħda għaliex dan kollu seħħ daqshekk malajr.

_______________________________________________________________ (2)

**Eżerċizzju 9** **(12-il marka)**

9.1 X'tip ta' gvern kellha Franza fl-1789?

_______________________________ (1)

9.2 Semmi żewġ ċirkustanzi li wasslu għar-rivoluzzjoni fi Franza.

________________________________________ (2)

________________________________________ (2)



9.3 Din l-istampa qiegħda turi avveniment li seħħ fil-bidu tar-Rivoluzzjoni Franċiża. Spjega x'qed jiġri f'din l-istampa.

____________________________________

____________________________________ (2)

9.4 X'ġara lir-re matul din ir-Rivoluzzjoni?

____________________________________

____________________________________ (1)

9.5 Semmi **żewġ** effetti tar-Rivoluzzjoni fi Franza.

_______________________________________________________________ (2)

_______________________________________________________________ (2)

**10. Eżerċizzju 10** **(20 marka)**

**Ikteb fit-tul komponiment fuq waħda minn dawn li ġejjin.**

10.1 X'miżuri ħadu l-Kavallieri fis-sekli Sbatax u Tmintax biex isaħħu d-difiża fl-inħawi tal-Port il-Kbir?

10.2 X'wassal għall-Irvell tal-Qassisin?
X'ġara eżatt dakinhar?
X'riżultat ħalla dan l-irvell?

10.3 Kif taħseb li kienu jgħixu l-Maltin taħt il-Kavallieri? Ikteb fit-tul dwar l-istil ta' ħajja tagħhom u kif kienu jiddevertu.

10.4 X'kienu r-raġunijiet li wasslu sabiex il-Maltin irvellaw kontra l-Franċiżi f'qasir żmien.